MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Numru 13/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Salvatore sive Silvio Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 13 tas-sena 2000 kontra l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li matul is-sena elf disa mija tmienja w disghin (1998), Salvatore sive Silvio Mangion, kien ga' ittenta jaghmel serqa mill-fond tal-girien tieghu Francesco Saverio Cassar u Giuseppa Cassar, f'16, "Santa Katerina", Triq Xejba, Zejtun. Pero' dak in-nhar dan l-attentat tieghu falla qabel biss ma beda jaghmel xi haga ghaliex Giuseppa Cassar

lemhitu f'mument fejn lanqas biss seta' jghaddilha minn rasha li huwa kien fi hsiebu jisraq mid-dar taghhom.
Silvio Mangion, li allura ma kellux impieg u kien jirregistra, ma qatax qalbu u kien fi hsiebu li jipprova jaghmel attentat simili iehor; biss, din id-darba kien ga' fforma f'mohhu il-hsieb li sabiex jisraq bl-akbar facilita' kellu l-ewwel joqtol u jehles mill-koppja Cassar biex b'hekk ma jkun jista' jaghrfu hadd.
Ghall-habta tal-erba' ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.) ta' nhar is-sittax (16) t'Awissu tas-sena elf disa' mija tmienja w disghin (1998), Silvio Mangion, bil-hsieb illi jidhol jisraq mir-residenza ta' Francesco Saverio Cassar, u Giuseppa Cassar, anzjana ta' madwar wiehed u sebghin sena, u li kienu joqghodu wahedhom gewwa 16, "Santa Katerina", Triq Xejba, Zejtun, ipprova jakkwista d-dhul gewwa r-residenza taghhom billi cemplilhom il-bieb. Harget tiftah Giuseppa Cassar, u minnufih Silvio Mangion hasadha billi bis-sikkina, li nel frattemp kien ha fil-pussess tieghu w kien qed izommha f'idejh, u bil-hsieb li joqtolha hekk kif kien ga' ifforma li jaghmel f'mohhu, xejjer daqqtejn biha w ippenetraha f'zaqqha kif ukoll f'idha l-leminija.
Hija rresistitu u saret taqtigha bejniethom. Fil-kors ta' din it-taqtigha Giuseppa Cassar irnexxilha issejjah ghall-ghajjut lil zewgha Francesco Saverio Cassar li kien qieghed gewwa. Fil-pront dana gie jaghti l-ghajjut tieghu, u, bhala konsegwenza tal-prezenza addizzjonali tieghu, Silvio Mangion ma setax ikompli u jiffinalizza l-hsieb tieghu li joqtol lil Giuseppa Cassar.
Sussegwentement, Giuseppa Cassar, bis-sahha ta' intervent kirurgiku tempestiv, giet salvata lilha hajjitha, ghalkemm sofriet fit-tul il-konsegwenzi diretti w indiretti tal-griehi gravi li hija sofriet.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Silvio Mangion sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew persuni jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament,

bil-hsieb li joqtol persuna jew persuni jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt snin u mhux izjed minn ghoxrin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 41 (1)(a), 211 (1)(2), 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) U wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi allegati fl-Ewwel Kap precedenti, u cioe' fiz-Zejtun, fis-16 t'Awissu 1998 ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.), wara li Francesco Saverio Cassar kien gie jaghti l-ghajjut lil Giuseppa Cassar, Silvio Mangion dawwar l-attakk li kien qieghed jaghmel fuq il-persuna tal-imsemmija Giuseppa Cassar ghal fuq l-istess Francesco Saverio Cassar, anzjan ta' madwar hamsa w sebghin sena. Bl-istess sikkina li allura kellu f'idejh, Silvio Mangion, bil-hsieb ghal darb'ohra li joqtol lil Francesco Saverio Cassar, u in esekuzzjoni tal-pjan f'dan is-sens ga' mahsub minnu qabel, deffes l-istess sikkina b'forza liema bhala f'nofs sider tal-istess Francesco Saverio Cassar. Bhala konsegwenza ta' dan l-attakk omicida da parti ta' Salvatore sive Silvio Mangion, l-imsemmi Francesco Saverio Cassar minkejja li sarlu intervent kirurgiku sabiex hajtu tigi salvata, miet u tilef hajtu aktar tard dak in-nhar.
Fil-kors tal-imsemmi attakk, Silvio Mangion, li hin qabel kien anke bela kwantita' ta' pilloli u xorob kwantita' ta' whisky sabiex jaghmel kuragg u jesegwixxi dan il-pjan doluz, spicca biex il-flokk li kien liebes intela' kollu demm, u meta ra dik id-dmija u l-persuna kemm ta' Francesco Saverio Cassar kif ukoll ta' Giuseppa Cassar stenduti mal-art, beza' u harab jigri l-hemm. Rehielha lejn Triq il-President Anton Buttigieg fejn hemmhekk sab gibjun u tefa' l-flokk li kien liebes kif ukoll is-sikkina fih.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Silvio Mangion sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li

joqtol lil Francesco Saverio Cassar jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkagunalu l-mewt.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, hati ta' omicidju volontarju, u cioe talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Francesco Saverio Cassar jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkagunalu l-mewt.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17(b), 211(1)(2), 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi, tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) U wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap li kif ga' inghad u gie allegat fil-kapi precedenti, Silvio Mangion kien ilu gimghat jahseb u jippjana sabiex jara kif fl-ahjar mod seta' jikkommetti serqa tajba mill-fond ta' fejn kienu jabitaw Francesco Saverio Cassar u Giuseppa Cassar, liema fond kien jinsab f'numru 16, "Santa Katerina", Triq Xejba, Zejtun.
Kien propju nhar is-16 t'Awissu tas-sena 1998 li Silvio Mangion, wara li ha xi pilloli w xorob kwantita' ta' whisky aktar kmieni filghodu, ddecieda li jipprocedi fis-serqa minnu ppjanata. Fil-fatt, mir-residenza tal-koppja Cassar, it-tnejn anzjani ta' il-fuq minn hamsa w sittin sena, kien hemm x'jinsterqu flus kontanti f'ammont ta' aktar minn elf lira, flimkien ma numru konsiderevoli ta' oggetti prezzjuzi u ta' hagar prezzjuz.
Biex ta bidu ghall-esekuzzjoni tal-atti esterni li kellhom iwasslu sabiex setghet issir is-serqa minnu ppjanata, Silvio Mangion ipprezenta ruhu armat fid-dhul tar-residenza tal-koppja Cassar, u cioe' billi hareg u zamm f'idejh sikkina imdaqqsa.
Il-pjan tas-serqa mahsuba minn Silvio Mangion falla ghaliex, kif ga' inghad u gie allegat fil-kapi precedenti, meta attakka fizikament il-persuna tal-koppja Cassar, huwa sab rezistenza w eventwalment inhasad u beza' w spicca sabiex harab minn fuq il-post tad-delitt.
B'dawn l-atti esterni kommessi minnu b'ghemil doluz, l-imsemmi Silvio Mangion sar hati ta' tentattiv ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira Maltin, liema serq

huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna, offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa u sittin sena, u meta l-halliel jipprezenta ruhu armat), bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li taghmel maghha), u bil-valur (aktar minn elf lira).
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, hati ta' d-delitt ta' tentattiv ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna, offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa u sittin sena, u meta l-halliel jipprezenta ruhu armat), bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li taghmel maghha), u bil-valur (aktar minn elf lira), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 41 (1)(a), 31, 261(a)(c)(e), 262, 267, 269, 276, 277, 226A, 329, 330, 278, 279, 280, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi, tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) U wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap li fid-delitti kollha minnu kommessi, u cioe' tat-tentattiv ta' omicidju volontarju, ta' omicidju volontarju w ta' tentattiv ta' serq aggravat, hekk kif inghad u allegat fil-kapi precedenti, u liema delitti graw fis-16 t'Awissu, 1998, Silvio Mangion filwaqt li kien qieghed jaghmel kull wiehed minn dawn it-tlett delitti kellu fil-pussess tieghu, kien qieghed igorr u effettivament ghamel uzu minn sikkina imdaqqsa bil-ponta u xafra. Effettivament ukoll uzaha bhala arma sabiex jattakka w jaggredixxi l-persuna ta' Francesco Saverio Cassar u Giuseppa Cassar, minghajr liema arma ma kienux isehhu d-delitti ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u l-omicidju volontarju ikkonsmat.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Silvio Mangion sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5) U wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi gimghat qabel is-16 t'Awissu tas-sena 1998, Silvio Mangion kien akkwista, permezz tal-Agenzija tal-Home Direct, sikkina mdaqqsa bil-ponta w xafra, liema sikkina propjament kienet manifatturata w intiza esklusivament ghal uzu domestiku. B'dana kollu, anke peress li huwa kellu l-hsieb li eventwalment juza l-istess sikkina ghal skopijiet illeciti w doluzi, Silvio Mangion kien, minn dak iz-zmien l'hemm, beda izomm, igorr u jkollu fuqu din l-istess sikkina.
Silvio Mangion ma kellu ebda licenzja da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija skond il-ligi sabiex izomm jew igorr l-imsemmija sikkina u dik is-sikkina ma kienx qieghed igorrha jew izommha ghal xi ghan legittimu.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion sar hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal multa ta' mhux izjed minn hamsin lira (LM50) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur u ghal konfiska tal-arma skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 13 (1) u 19

tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni kif ukoll dawk tal-gurin deciz fis-26 ta’ Novembru, 2002 fejn , wara verdett tal-gurati , l-Qorti iddikjarat li l-akkuzat ma kienx fi stat ta’ genn meta saru l-atti kollha imsemmija fil-hames kapi tal-att tal-akkuza.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-24 ta’ Novembru, 2003 li biha hu eccepixxa ulterjorment il-genn tieghu fil-waqt tal-kawza tieghu u dana a tenur tal-artikolu 449(e) tal-Kodici Kriminali ;

Rat ir-Rikors tal-akkuzat tas-16 ta’ Dicembru, 2003 li bih talab li jigi awtorizzat li jipprezenta u jintavola tali eccezzjoni ulterjuri ta’ genn ;

Rat l-oppozizzjoni ghat-talba da parti tal-Avukat Prosekutur verbalizzata fl-udjenza tas-16 ta’ Dicembru, 2003;

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih laqghet it-talba tal-akkuzat biex ikun jista’ jipprezenta l-eccezzjoni ulterjuri tieghu f’ dak l-istadju ;

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih innominat lill-esperti psikjatatri Dr. David Cassar, Dr. George Debono u Dr. Joseph Vella Baldacchino biex jirrelataw dwar l-istat ta’ sahha mentali tal-akkuzat u partikolarment biex jigi stabilit jekk hux qed ibaghti minn genn fiz-zmien tal-kawza skond il-ligi.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-5 ta’ Jannar, 2004 , li biha , in vista tal-konkluzzjoni tal-periti psikjatri nominati mill-Qorti biex jirrelataw dwar l-istat mentali tieghu prezenti, rtira l-eccezzjoni tieghu tad-demenza fiz-zmien tal-kawza;

Rat in-Nota konguntiva tal-Avukat Generali u tal-akkuzat li biha ai termini tal-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali ddikjaraw li jaqblu li f’dan il-kaz il-piena karcerarja ghall-wiehed u ghoxrin sena tkun idonea.

Rat li, waqt is-seduta tal-5 ta’ Jannar, 2004 , kif obbligata taghmel skond l-imsemmi artikolu 453A (2) tal-Kap.9 , din il-Qorti spjegat lill-akkuzat bi kliem car x’inhuma l-konsegwenzi tat-talba tieghu.

Rat illi waqt l-istess seduta tal-5 ta’ Jannar, 2004, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Semghet lit-tlitt esperti psikjatri jikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom bil-gurament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’Jannar, 2004 ,li bih il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tielet kap tal-att tal-akkuza huwa wiehed alternattiv ghall-ewwel zewg kapi;

Tiddikjara ghalhekk lill-Salvatore sive Silvio Mangion hati talli fis-16 t’Awissu tas-sena elf disa’ mija tmienja w disghin (1998) dolozament, go d-dar numru sittax (16) , “Santa Katerina” , Triq Xejba, Zejtun , ghall-habta tal-4 p.m. , bil-hsieb li joqtol persuna jew persuni jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, u dana skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Salvatore sive Silvio Mangion hati talli fl-istess jum, hin u lok dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Francesco Saverio Cassar jew li jqieghed il-hajja tieghu f’perikolu car, ikkagunalu l-mewt w dana skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet kap tal-att tal-akkuza billi dan gie dikjarat bhala kap alternattiv ghall-ewwel u t-tieni kapi tal-att tal-akkuza mill-prosekuzzjoni

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Salvatore sive Silvio Mangion hati talli fl-istess jum, hin u lok, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu, u dana skond ir-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Salvatore sive Silvio Mangion hati talli fl-istess jum, hin u lok, kellu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Jannar, 2004 li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li r-reati kontemplati taht ir-raba’ u l-hames kapi servew bhala mezz ghall-fini biex setghu jigu kommessi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att tal-akkuza ghall-fini tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni li hija ghal kollox nadifa.

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reat ta’ omicidju volontarju taht it-tieni Kap tal-Att tal-akkuza hija dik ta’ ghomor il-habs, skond l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta f’xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista’, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena ;

Qieset favur il-hati, (1) il-kondotta incensurata u l-fedina penali ghal kollox nadifa tieghu; (2) l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet

iffurmata l-gurija, (3) kif ukoll li kien hu stess li kien ta ruhu f'idejn il-Pulizija dak in-nhar stess u xi ftit tal-hin wara l-kommissjoni tar-reati w ammetta l-htija tieghu fl-istqarrija li hu ghamel mall-Pulizija . (4) Qieset ukoll iz-zmien li l-hati lahaq ghamel taht arrest preventiv. (5) Hasbet fit-tul dwar u qieset l-istat mentali w l-livell t' intelligenza baxxa tal-hati w l-fatt li hu jsofri minn kondizzjoni mentali li ghalkemm ma tammontax ghal genn fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati li taghhom gie dikjarat hati w lanqas fil-prezent fiz-zmien tal-kawza ghall-fini tal-ligi w allura ma teskludix ir-responsabbilta' kriminali , zgur li tinnecessita kura medika kontinwa li, jekk ma ssirx u ma tittehidx, tista' twassal ghall-konsegwenzi koroh u gravi, kif irrelataw id-diversi periti psikjatri tul il-kors kollu tal-process u liema kondizzjoni del resto anki giet deskritta mill-Prosekutur stess bhala li tirrendi lil hati bhala "simpleton" u "b'mentalita' ta' tfal". Kien ghalhekk li l-Prosekuzzjoni stess qablet li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Qieset ukoll il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",** Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset pero' mill-banda l-ohra il-gravita' tar-reati kommessi mill-hati kontra zewg persuni anzjani bi skop ta' serq , liema reati wasslu ghall-mewt ta' wiehed minnhom u feriti gravi fuq l-anzjana l-ohra li zgur ittrawmatizzawha ghall-bqija ta' hajjitha ;

Rat l-artikoli 17(b)(h), 20, 23, 31, 41 (1)(a), 211 (1)(2),226A, 261 (a)(c)(e), 262, 267, 269, 276, 277, 278, 279, 280, 329, 330, 453A, 492(1), u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikoli 13 (1), 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Tikkundanna lill-hati Salvatore sive Silvio Mangion ghall-piena ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll li jhallas is-somma ta’ elf hames mija w disa’ liri Maltin u tmienja u tlettin centezmu (LM 1509.38c), import tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar nett il-Qorti tirrakkomanda li l-Awtoritajiet tal-Habs jassikuraw li l-hati jkompli jircevi kull kura medika li qed jircevi ghall-istat ta’ sahha tieghu w li t-tobba kuranti tieghu jibqghu jikkontrollawh u jimmonitorjawh attivament qabel ma hu jithalla jieqaf minn xi kura jew attenzjoni li jkun qed jiehu .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------